# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
### LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa**
**Erbatax (14) ta’ April 2021**

**Rikors Numru 795/2019 FDP**

Fl-ismijiet

**Carlo Fenech**
**(ID 536263M)**

**Vs**

**Support Services Limited**
**(C 30778)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 17 ta’ Frar 2020, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

    1. *Illi din hija kawża illi ġiet appuntata quddiem dina l-Onorabbli Qorti wara deċiżjoni tat-Tribunal Industrijali mogħtija fid-29 ta' Lulju 2019. Illi f’dak l-istadju, l-kawża kienet għall-għeluq tal-provi tal-partijiet, madanakollu wara eċċezzjoni dilatorja imqajma mis-soċjeta’ intimata, it-Tribunal Industrijali iddeċieda li hu m'għandux kompetenza jiddeċiedi dwar dik il-kwistjoni u għalhekk ittrasferixxa l-atti tal-kawża quddiem dina l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi r-Rikorrent kien impjegat mas-soċjeta' intimata Support Services Limited bħala Care Worker fuq bażi full time b'mod definit għal sena u dan mill-wieħed u għoxrin ta' Mejju 2015;*

3. *Illi skont il-kuntratt ta' impjieg tal-esponent, hawn anness u mmarkat Dok. CF1, senjatament klawsola 1.3 tal-istess kuntratt, il-kuntratt kellu jiġġedded ta' kull sena sakemm waħda mill-partijiet ma tavżax lill-parti l-oħra formalment b'mod miktub bl-intenzjoni tagħha li tittermina l-impjieg, tal-inqas xahar qabel ma jiskadi t-terminu tal-kuntratt;*

4. *Illi fit-18 ta' Mejju 2016, ir-rikorrent ġie nfurmat permezz ta' ittra hawn annessa u mmarkata bħala Dok. CF2, li l-kuntratt ma kienx qiegħed jiġi mġedded u li l-aħħar ġurnata tal-impjieg kienet se tkun l-20 ta' Mejju 2016. Illi għalkemm l-imsemmija ittra hija datata 13 ta' April 2016, din ma kenitx id-data li effettivament intbagħtet fiha, l-ittra, tant li l-ittra waslet għand ir-rikorrent fit-18 ta' Mejju 2016, ossia jumejn biss qabel l-iskadenza tal-kuntratt;*

5. *Illi għaldaqstant, l-esponenti jsostni li n-notifika li l-kuntratt mhux se jiġi mġedded ma saritx skont it-termini tal-kuntratt u l-impjieg tiegħu ġie awtomatikament imġedded għal sena oħra;*

6. *Illi madanakollu, s-soċjeta' intimata tterminat l-impjieg tar-rikorrent. Jiġi rilevat ukoll illi l-istess soċjeta' kienet naqset illi tinnotifika lill-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ, illum Jobsplus, dwar tali terminazzjoni;*

7. *Illi għalhekk, jirriżulta illi t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent kienet inġusta u invalida fil-Liġi.*

*Għaldaqstant, in vista ta' dak suespost, ir-rikorrent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-*

1. *Illi preliminarjament din il-proċedura tkompli mill-istess stadju illi kienu waslu l-proċeduri fi ħdan it-Tribunal Industrijali;*
2. *Tiddikjara u tiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent minn mas-soċjeta' intimata, kienet waħda inġusta u invalida fil-Liġi;*
3. *Tillikwida kumpens ġust favur ir-rikorrent ai termini ta' Artikolu 81 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta;*
4. *Tordna lis-soċjeta' intimata sabiex tħallas tali kumpens lir-rikorrent.*

*Salv kull provvediment ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidhriliha xieraq u opportun u bl-ispejjeż kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma kollha minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-28 ta' Mejju 2020 s-soċjeta' konvenuta Support Services Limited irrispondiet għal dak mitlub billi qajmet is-segwenti difiżi:

   *It-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu respinti fl-intier tagħhom fil-konfront tas-soċjeta' esponenti, għar-raġunijiet kif hawn aktar 'l isfel elenkati:*

   1. *Fl-ewwel lok, in linea preliminari, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;*

   2. *Fit-tieni lok, fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, jispetta għar-rikorrenti li jipprova li l-impjieg tiegħu ġie itterminat inġustament, di parte tagħha is-soċjeta' esponenti tinsab tikkontesta bis-saħħa din l-allegazzjoni u trrileva li hija mxiet mal-Liġi;*

   3. *Fit-tielet lok, fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' esponenti tirrileva li hija mxiet skrupolożament mal-kuntratt definit iffirmat mar-rikorrenti, tant li bagħtet korrispondenza neċessarja datata fit-termini indikati fl-istess kuntratt. Illi kif diġa' inġieb a konjizzjoni tat-Tribunal Industrijali, id-data tal-avviż tat-terminazzjoni ai termini tal-kuntratt ta' impjieg, hija d-data ta' meta ntbagħtet l-ittra u mhux d-data ta' meta r-rikorrenti attwalment irċieva jew aċċetta l-istess ittra ta' terminazzjoni;*

   4. *Fir-raba' lok, fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa l-istess rikorrenti li għamel minn kollox sabiex ma jiġix notifikat bl-ittra ta' terminazzjoni u dan għaliex ħaseb li seta' jevita din il-proċedura, kif ha jiġi ppruvat ampjament anke mix-xhieda li ħa jerġgħu jitressqu quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

   5. *Fil-ħames lok, fil-mertu, mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-istess soċjeta' esponenti diġa' ppreżentat t-testimonjanza tal-pustiera u kif ukoll id-dokumentazzjoni kollha mingħand il-Maltapost, rilevanti għall-istess ittra. Liema dokumenti juru li s-soċjeta' esponenti għamlet dak kollu possibbli, iżda kien r-rikorrenti li evita li jaċċetta l-istess ittra;*

   6. *Fis-sitt lok, fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, kif anke ġie ppruvat diġa' waqt il-proċeduri fit-Tribunal Industrijali, il-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrenti qatt ma kien wieħed indefinit, anzi dan dejjem kien għal perjodu definit, u bl-iskadenza tiegħu delinjati b'mod ċar, fil-kuntratt ġia iffirmat, datat 21 ta' Mejju tas-sena 2015;*

   *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi, jekk ikun il-każ.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, kemm ta' din il-proċedura u kemm tal-proċedura preċedenti, li huwa minn issa inġunt in subizzjoni u b'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lis-soċjeta' intimata kontra l-istess.*

3. Rat illi fis-7 ta' Lulju 2020, il-konsulenti legali tal-partijiet ikkonfermaw illi kienu qed jistrieħu fuq il-provi li kienu ġia ġew ippreżentati quddiem it-tribunal Industrijali.

## Ġbir ta' Provi quddiem it-Tribunal Industrijali

4. Rat ix-xhieda ta' **Reuben Sciberras**, Human Resources Manager fi ħdan il-kumpannija Support Services Limited, mogħtija fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fis-17 ta' Novembru 2016. (fol 39).

5. Rat ix-xhieda ta' **Charlo Farrugia**, General Manager fi ħdan il-kumpannija Support Services Limited, mogħtija fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fis-26 ta' Jannar 2017 u 23 ta' Novembru 2017, fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali. (fol 52, fol 124)

6. Rat ix-xhieda ta' **Joseph Saliba**, rappreżentant tal-Jobsplus, mogħtija fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fil-5 ta' Ottubru 2016, fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali. (fol 105)

7. Rat ix-xhieda ta' **Carmen Scerri**, rappreżentanta ta' Maltapost plc, mogħtija fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fil-5 ta' Ottubru 2016. (fol 107)

8. Rat illi fit-23 ta' Novembru 2017, xehed **Savio Borg**, rappreżentant tal-Kummissjoni Elettorali, illi ppreżenta estratt tar-reġistru Elettorali ta' April 2014, Ottubru 2014, April 2015, Ottubru 2015, April 2016 u Ottubru 2016, (fol 118 sa 123) bl-indirizz tar-rikorrent Carlo sive Charles Fenech, liema xhieda ma tidhirx inserita fil-proċess.

9. Rat ix-xhieda ta' **Mark Grech**, rappreżentant tad-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijet Industrijali, mogħtija fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fit-18 ta' Jannar 2018. (fol 130)

10. Rat ix-xhieda tar-rikorrent **Carlo Fenech**, mogħtija fis-17 ta' Jannar 2019 fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali. (fol 152)

11. Rat ix-xhieda ta' **Brandon Magri**, rappreżentant ta' Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijet Industrijali, mogħtija fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fit-28 ta' Frar 2019. (fol 163)

12. Rat ix-xhieda ta' **Dr Anthea Witney Turner**, bħala konsulent legali tar-rikorrent, mogħtija fil-proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali. (fol 170)

**Fatti tal-każ**

13. Jirriżulta illi r-rikorrent Carlo Fenech kien impjegat mas-soċjeta' intimata bħala careworker abbażi ta' kuntratt definit.

14. Jirriżulta li l-kuntratt originali ġie iffirmat fit-22 ta' Mejju 2014 u sussegwentement, permezz ta' ftehim stranament datat 21 ta' Mejju 2014 (fol 3) ġie ffirmat ftehim ta' impjieg fejn jingħad illi:

    *"This contract of service shall be deemed to have commenced on the 21st May 2015 and shall be for a definite period of one year ending 20th May 2016."*

15. Jirriżulta, għalhekk, illi l-kuntratt ta' l-impjieg tiegħu kien jittermina fl-20 ta' Mejju 2016 f'każ illi s-soċjeta' li kienet qed timpjegah kienet tgħarrfu ta' dan sa' żmien xahar qabel tali data – vide klawsola 1.3 tal-Kuntratt.

16. Jirriżulta li s-soċjeta' Support Services Limited, a tenur ta' klawsola 1.3 tal-kuntratt, fit-13 ta' April 2016 bagħtet ittra permezz ta' posta reġistrata, tinfurmah li l-kuntratt tiegħu ma kienx ser ikun imġedded.

17. L-ittra ta' terminazzjoni ta' impjieg in kwistjoni ġiet mibgħuta fl-14 ta' April 2016 permezz ta' posta reġistrata iżda ma waslitx għand ir-rikorrent minkejja tentattivi mill-pustiera biex jinnotifikawh fil-15 ta' April, fis-16 ta' April u fit-30 ta' April 2016, fejn jidher illi r-rikorrent ma nstabx. (fol 104)

18. Jirriżulta illi eventwalment l-ittra marret lura għand is-soċjeta' intimata fit-2 ta' Mejju 2016. (fol 104).

19. Jirriżulta illi sussegwentement intbgħatitlu l-ittra permezz ta' posta normali u rċeviha tant illi kien avviċina lil Financial Controller, Charlo Farrugia, fejn għarrfu illi l-20 ta' Mejju 2016 kienet l-ahhar ġurnata xogħol tiegħu. (fol 55)

20. Jirriżulta illi fit-18 ta' Lulju 2016, ir-rikorrent mar għand id-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali u għamel rapport magħhom fejn ġie rappurtat li: (fol 129)

    *"Claimant came to our office claiming that upon his contract was due to expire he was told that his contract will not be renewed. We are claiming the bonus, weekly allowance, vacation leave and difference in sick leave benefits."*

21. Jirriżulta illi, eventwalment, wara l-intervent tad-Dipartiment tal-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, fil-5 ta' Awissu 2016 huwa rċieva l-flejjes lilu dovuti mis-soċjeta' intimata u ffirma dokument fejn jgħid is-segwenti: (fol 28)

*"I, the undersigned, hereby declare to have received the sum of €364.93 from Support Services Limited for arrears due in full and final settlement. I hereby give my consent that a copy of this declaration will be forwarded to the above-mentioned employer (who has issued the payment)."*

22. Jirriżulta li r-rikorrent ħassu aggravat bid-deċiżjoni meħuda u, fl-4 ta' Awwissu 2016, ġurnata qabel ma rċieva dak lilu dovut "*in full and final settlement*", ipproċeda b'każ quddiem it-Tribunal Industrijali bl-ilment tiegħu, fejn ilmenta li ġie tterminat mix-xogħol inġustament.

23. Jirriżulta illi wara ħdax-il seduta, fejn it-Tribunal kien ġia sema' disgħa xhieda, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2019 s-soċjeta' intimata qajjmet l-eċċezzjoni ta' kompetenza ai fini tal-Artikolu 75 (1) (a) u (b) tal-Kap 452 abbażi tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Waldemar David Galea vs l-Universita ta' Malta.

24. Jirriżulta illi fid-29 ta' Lulju 2019, it-Tribunal Industrijali ddeċieda illi, abbażi tas-sentenza fuq ċitata, kif ukoll il-Kap 452, it-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni fuq kuntratti ta' impjiegi definiti u għalhekk ma jistax jissokta bis-smiegħ ta' dan il-kaz, u qal is-segwenti:

 *Għar-raġunijiet imsemmija fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal jilqa' l-eċċezzjoni tas-Soċjeta' Intimata u jikkonferma li, bil-konfort tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-Kaz ta' Waldemar David Galea vs l-Universita' ta' Malta, skond il-Kap 452 ma għandux ġurisdizzjoni fuq kuntratti ta' mpjieg definit u għalhekk ma jistax jissokta bis-smigħ ta' dal-Każ; għalhekk jordna li dal-Każ jiġi kkanċellat minn fuq il-lista u li, ai termini ta' l-Artiklu 741 (b) tal-Kap 12, l-atti tal-proċeduri tal-Każ Nru 3475/JD jiġu trasferiti lill-Qorti Ċivili Prim' Awla sabiex tkun din l-Onorabbli Qorti li tieħu konjizzjoni tal-Każ.*

25. Jirriżulta illi fit-3 ta' Settembru 2019, filwaqt illi dina l-Qorti appuntat il-każ għas-16 ta' Ottubru 2019, ordnat lir-rikorrenti sabiex jottempera ruħu mal-Artikolu 161 (1) u 179 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

26. Rat illi eventwalment fis-17 ta' Frar 2020, ir-rikorrent ippreżenta Rikors Ġuramentat skond il-Liġi, u għalhekk il-kawża setgħet titkompla.

## Ikkunsidrat

27. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent nieda l-proċeduri sabiex jiġi dikjarat li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet waħda inġusta, peress li qed jilmenta li ntbagħtet lilu ittra ta' terminazzjoni ta' impjieg datata 13 ta' April 2016 waslet għandu fit-18 ta' Mejju 2016, jumejn qabel l-iskadenza tal-kuntratt. Għalhekk qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li t-terminazzjoni ta' impjieg tiegħu kien wieħed inġust u invalidu, konsegwentement qed jitlob kumpens.

28. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi s-soċjeta' konvenuta Support Services Limited saħqet li t-talbiet tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, filwaqt li nsistiet li, apparti l-fatt li kien jispetta lir-rikorrent jipprova li ġie tterminat inġustament, kien ir-rikorrent li għamel minn kollox biex ma jiġix notifikat bl-ittra ta' terminazzjoni billi kien ir-rikorrent li evita li jaċċetta l-istess ittra. Is-soċjeta' intimata saħqet li l-kuntratt tar-rikorrent kien wieħed definit bl-iskadenza tiegħu delinjata b'mod ċar.

## Konsiderazzjonijiet Legali

29. Ir-rikorrent qed jikkontendi li ġie tterminat mill-impjieg tiegħu ta' careworker inġustament u b'mod invalidu fil-Liġi. Isegwi li l-punti saljenti li iridu jiġu mistħarrga mill-Qorti huma (a) jekk jirriżultax terminazzjoni ta' impjieg inġust kif qed isostni r-rikorrent u (b) jekk hemmx lok għal kumpens.

30. Jingħad fl-ewwel lok, li l-klawsola operattiva fil-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent datat 21 ta' Mejju 2015, speċifikament il-klawsola 1.3 tindika s-segwenti:

> "*This contract will be renewed for further definite periods, <u>unless either party gives the other a notice in writing of its intention to terminate employment at least one month prior to the expiry of the period</u>*." (sottolinjar tal-Qorti)

31. Il-kuntratt ta' impjieg tar-rikorrent eżebit mar-rikors bħala Dok CF1 kien jiskadi fl-20 ta' Mejju 2016. Dan ifisser li l-kuntratt ta' impjieg kien kuntratt definit.

32. Is-soċjeta' konvenuta qed issostni li l-kuntratt ta' impjieg jistipula li l-prinċipal kellu l-jedd li jiddeċiedi iġeddidx il-kuntratt permezz ta' 'notice in writing' li kellha tintbagħat fi żmien xahar mill-iskadenza tal-kuntratt. Da parti tiegħu, r-rikorrent qed isostni li s-soċjeta' konvenuta hija ħatja ta' inadempjenza kuntrattwali stante li naqset milli tinforma lir-rikorrent li ser titterminalu l-impjieg sa xahar qabel. Għalhekk, ir-rikorrent qed isostni li l-ittra ta' terminazzjoni naqset milli tasal għandu sa xahar qabel l-iskadenza tal-kuntratt ta' impjieg.

33. Jirriżulta mill-provi li s-soċjeta' Support Services Limited bagħtet ittra ta' terminazzjoni datata 13 ta' April 2016, ossija xahar qabel l-iskadenza tal-kuntratt ta' impjieg mertu ta' dan il-każ. Jidher ukoll li saru diversi tentattivi mill-pustiera biex titħalla miegħu l-Ittra Reġistrata, u ċioe` fil-15 ta' April 2016, fis-16 ta' April 2016, u fit-30 ta' April 2016, iżda qatt ma nstab.

34. Il-Qorti tosserva li n-notifika tat-terminazzjoni saret fit-terminu previst mill-kuntratt, peress li l-ittra ta' terminazzjoni datata 13 ta' April 2016 intbagħtet immedjatament bil-posta mis-soċjeta' konvenuta, kif jirriżulta mit-tentattivi tal-pustieri suċitati.

35. Din il-Qorti hija għalhekk tal-fehma li l-ittra ta' terminazzjoni ta' impjieg saret ai termini ta' klawsola 1.3 tal-kuntratt, diġa' ċitata.

36. Il-Qorti tosserva wkoll, li kif jidher a fol 28 fl-atti annessi fil-proċedura quddiem it-Tribunal Industrijali, r-rikorrent iffirma dokumenti uffiċjali ta' Department of Industrial and Employment Relations Act, fil-5 ta' Awissu 2016, fejn hu ffirma dokument li rċieva l-aħħar paga 'in full and final settlement'. Din hija prova ċara li l-kuntratt tar-rikorrent ma kienx imġedded u ma kellu ebda pretensjoni oħra kontra s-soċjeta' intimata.

37. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax illi hija tassew inkredibbli kif r-rikorrenti, ġurnata qabel, fl-4 ta' Awissu 2016, nieda l-proċeduri fit-Tribunal Industrijali, jittallab għal kumpens riżultat ta' tkeċċija nġusta u l-għada, 5 ta' Awissu 2016, jiffirma dokument fejn jaċċetta l-pagament li kienet qed tagħmel is-soċjeta' intimata, in full and final settlement ta' dak minnu pretiż!

38. Għal dak illi jirrigwarda l-allegazzjoni ta' terminazzjoni inġusta/jew tkeċċija inġusta, il-Qorti tagħmel referenza għall-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta fejn hemm definizzjoni ta' tkeċċija inġusta, billi fl-**Artikolu 2 tal-Kap 452,** dwar tifsiriet, jingħad hekk:

> *"tkeċċija inġusta" dwar ħaddiem tfisser:*
>
> *(a) It-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impjieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impjieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att li jkun temm li ma jsirx biss minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa skont id-dispożizzjonijiet relevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, jew;*
>
> *(b) Li jkun sar bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 64(4) jew;*
>
> *(c) Li għalkemm isir minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmulin taħtu."*

*39.* Kif il-Qrati Tagħna diġa' kellhom okkażjoni jirritjenu li l-**Żrtikolu 75(1)(a) tal-Kap 452**, ma japplikax għal kuntratt ta' impjieg għal terminu ta' żmien fiss. L-**artikolu 75(1) tal-Kap 452** jistipula li:

> "*Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi dwar it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva li jikkunsidra u jiddeċiedi:*
>
> *(a)Il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta, u*

*(b)Il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-tribunal industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att, jew ta' regolamenti preskritti taħtu.*"

40. Għalhekk kuntratt ta' impjieg għal terminu ta' żmien fiss ma jaqax taħt id-definizzjoni ta' tkeċċija inġusta li hemm fil-Kap 452. (Ara **Joseph Avellino vs Citadel Insurance Plc** (737/12) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 2019; Ara wkoll **Waldemar David Galea vs L-Universita' ta' Malta** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-25 ta' Jannar 2019).

41. Il-Qorti tosserva li, kif tajjeb sottomess mis-soċjeta' konvenuta, il-kuntratt ta' impjieg huwa liġi bejn il-partijiet, fejn ir-rikorrent kellu ċertezza tal-impjieg għal sena. Għalhekk, ma jistax jingħad li kien hemm terminazzjoni inġusta u ma tistax tiġi attribwita l-ebda *mala fede* da parti tas-soċjeta' Support Services Limited għaliex hija aġixxiet skont il-kuntratt ta' impieg iffirmat bejn il-kontendenti u kif xehed ir-rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta fis-26 ta' Jannar 2017, kienet prassi li tintbagħat ittra ta' terminazzjoni ta' impjieg lil kull impjegat b'kuntratt definit li ma kienx ser jiġġeddidlu l-kuntratt.

42. Il-Qorti tosserva illi la darba ma tistax tqis it-terminazzjoni tal-impjieg bħala waħda inġusta jew le stante illi kienet waħda għall-terminu fiss, ma għandha tqis ebda pretensjoni għal kumpens.

## Konklużjoni

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet bil-miktub ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjeta' Support Services Limited.

**Tiċħad it-Talbiet** tar-rikorrent għall-motivi spjegati.

**Spejjeż** tal-proċedura odjerna għandhom ikunu a kariku tar-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur